# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 30**

**Rikors numru 24/82/2 AF**

**Michael Fenech fil-kwalità tiegħu ta' direttur tas-soċjetà Fenech Oil & Petroleum Co Limited u in rappresentanza tal-istess soċjetà**

**v.**

**George Zammit fil-kwalità tiegħu ta' Direttur tas-soċjetà Eucharist Zammit & Sons Limited u in rappresentanza tal-istess**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mis-soċjetà attriċi u appell inċidentali imressaq mis-soċjetà konvenuta kontra sentenza ta' nhar is-17 ta' Jannar 2017 mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u fejn ġie ddikjarat li s-soċjetà konvenuta għandha tagħmel tajjeb għal ċerti ħsarat li nstabu fil-qiegħ ta' *Work Barge,* mibjugħa mis-soċjetà konvenuta lis-

soċjeta attriċi u dan skont ma obbligat ruħha li tagħmel fi skrittura relatata tas-6 ta' Diċembru 1979. L-Ewwel Qorti ordnat li s-soċjetà konvenuta għanda tħallas l-ispejjeż ta' ħsarat li ġew pruvati u li ma kinux relatati mal-ħsara indikata f'*survey report* tal-1976 lis-soċjetà attriċi fl-ammont ta' elfejn, erba' mija u ħamsa u erbgħin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€2,445.84). Bl-imgħax mid-data tas-sentenza.

**Daħla**

2. Is-soċjetà attriċi **Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd** xtrat mingħand is-soċjetà konvenuta **Eucharist Zammit & Sons Ltd** aktar tard **EUCH Zammit Company Limited**, *Work Barge (dumb barge)* ta' ċirka ħamsa u tmenin (85) tunnellata għall-prezz ta' disat elef Lira Maltin (LM9000). Dan ġie miftiehem *tramite* skrittura privata datata s-6 ta' Diċembru 1979, fejn ġie maqbul ukoll illi kienu qed jinbiegħu żewġ magni Caterpillar, *hydraulic pump,* u ankra tal-konkrit ta' tmien (8) tunnellati. Ġie miftiehem illi jekk il-qiegħ jew xi parti mill-bastiment ta' taħt l-ilma (*underwater hull)* jinstab illi huwa difettuż is-soċjetà konvenuta kellha tħallas l-ispejjeż relatati (*fol.* 26 u *fol.* 78): "*3. If bottom or other Underwater hull be found damaged or defective, Zammit shall pay the aforesaid expenses.*"

3. Ġie miftiehem ukoll illi is-soċjetà konvenuta ser twassal il-bastiment lejn id-Drydocks tal-Kalkara u viċi-versa. Is-soċjetà konvenuta tat

garanzija li fil-mument tal-kunsinna l-*Work Barge* kienet ħielsa minn kull piżijiet, garanziji marittimi u djun oħra. F'każ li kienu ser isiru xi talbiet kontra l-*Work Barge* għall-kwistjonijiet li seħħew qabel il-kunsinna tagħha, s-soċjetà konvenuta kellha tindennizza lis-soċjetà attriċi.

4. Is-soċjetà attriċi bagħtet komunikazzjoni lis-soċjetà konvenuta sabiex il-partijiet ikunu jistgħu jaqblu fuq data sabiex il-*Work Barge* tkun tista' tiċċaqlaq sabiex tiġi *drydocked* u b'hekk spezzjonata (*fol.*79-85). Talbet ukoll illi meta l-*Work Barge* tiġi *drydocked,* ikun hemm preżenti rappreżentant mis-soċjetà konvenuta u dan sabiex tkun tista' ssir spezzjoni tal-qiegħ u l-*underwater hull* tal-bastiment sabiex jiġu evitati ekwivoċi futuri. Jidher li ma attenda l-ebda rappreżentant tas-soċjetà konvenuta u li l-*Work Barge* ttieħdet mis-soċjetà attriċi għal *shipyard* ta' terzi (*fol.*74). Illi dan seħħ għall-aħħar ta' Awwissu 1980.

5. Illi s-soċjetà attriċi inkarigat lill-Inġ. Reno Spiteri, li kien jagħmel ix-xogħol ta' *marine surveyor,* biex jispezzjona l-*Work Barge* u jħejji *survey report* sabiex jiġi determinat x'dannu jew difetti kellha u x'tiswijiet kellhom isiru lill-*Work Barge*. Dan is-*survey report,* datat is-16 ta' Settembru 1980 (*fol.*27 *et seq.*), jinkludi deskrizzjoni ta' xi difetti li nstabu fil-*Work Barge*, rakkomandazzjonijiet sabiex dawn jissewwew u ċertu spejjeż relatati.

6. Is-soċjetà attriċi għamlet xogħlijiet fuq il-bastiment u kkomunikat

mas-soċjetà konvenuta sabiex tagħmel tajjeb għal dawn ix-xogħlijiet fuq is-saħħa tat-tielet klawżola tal-iskrittura ta' bejgħ u ressqet din l-azzjoni wara li s-soċjetà kovenuta ma resqitx sabiex tagħmel tajjeb għall-istess spejjeż.

7. Is-soċjetà attriċi talbet lill-Ewwel Qorti:

"Jgħid il-kovenut nomine għaliex:

1. M'ghandux jigi minn din il-Qorti dikjarat u deciz illi fl-imsemmija "Work Barge" akkwistata mill-attur nomine instabu il-hsarat u difetti fil-qiegh u fl-'underwater hull' kif indikati wkoll fis-Survey Report hawn anness (Dok. "B");

2. M'ghandux il-konvenut nomine ghar-ragunijiet premessi u ghat-termini tat-tielet klawsola tal-fuq imsemmija skrittura tas-6 ta' Dicembru 1979 (Dok. "A") jigi dikjarat responsabbli sabiex jaghmel tajjeb ghat-tiswijiet u riparazzjonijiet kollha tal-istess hsarat u difetti li instabu fil-qiegh u fl-underwater hull tal-istess Work Barge kif fuq inghad u ghal-ispejjez relattivi."

8. Is-soċjetà konvenuta ressqet is-segwenti eċċezzjonijiet:

"1. Illi meta nbieghet il-barge in kwistjoni ma kellha ebda "damage or defect" li skond l-iskrittura tas-6 ta' Dicembru 1979 – Annessa bhala Doc. A mac-citazzjoni – id-ditta konvenuta kellha taghmel tajjeb ghaliha.

2. Illi l-barge gie "slipped" u ghalhekk l-underwater hull ezammet l-ewwel darba wara l-bejgh oltre sena wara li kien sar il-bejgh u f'dan iz-zmien kollu l-barge kienet mitluqa fl-ilmiet baxxi vicin l-art fejn il-corrosion huwa l-izjed qawwi. Fil-fatt meta gie slipped instab li l-'zinc anodes' (il-corrosion pieces) kienu kollha mikula jew immermra u din necessarjament effettwat avversament il-pjani tal-qiegh (underhall) tal-vapur.

3. Illi nonostante dan il-konvenut, nomine, meta ra l-barge wara li kienet is-slippjata, accerta ruhu li l-ilmenti tal-attur nomine, kienu biss dovuti ghal <u>'wear and tear' ordinarju tal-barge</u> li ma kienitx mibjiegha bhala 'classed vessel' u ghalhekk dan l-ilment ma setax jigi nkwadrat fl-obbligazzjoni tad-ditta konvenuta li taghmel tajjeb ghal "damage or defect" fl-underwater hull.

> 4. Illi nonostante dan, peress illi l-konvenut nomine, induna li l-ilment tal-attur nomine, seta' jigi sodisfatt b'tiswija zghira u ta ftit flus, huwa offra minghajr pregudizzju li jaghmel it-tiswija necessarja, però l-attur nomine irrifjuta li jsiru tiswijiet u insista li l-partijiet ilmentati ghandhom jinbidlu kompletament. Dan il-konvenut nomine, irrifjuta li jaghmel ghaliex hass li ma kienx necessarju biex jissewwa l-ilment tal-attur.
>
> 5.Fl-ahharnett is-'Survey Report' dwar il-Work Barge esebita mill-attur nomine, fl-Att tac-Citazzjoni bhala Dok. "B", liema survey sar hafna zmien wara l-punctum temporis tal-kawza, cioè il-mument tal-bejgh ta' barge, jikkostitwixxi opinjoni teknika 'ex parte' li ma tistax tigi ammessa bhala prova fil-proceduri gudizzjarji taghna – kif dejjem gie ritenut mill-Qorti taghna. Ghalhekk dan ir-rapport ghandu jigi sfilzat mill-process qabel ma l-Qorti tiehu konjizzjoni tieghu.

9. Mill-atti jidher illi l-Ewwel Qorti ndirizzat il-ħames eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta, liema ġiet respinta permezz ta' sentenza preliminari tal-14 ta' Ottubru 1983 (*fol.*44). Is-soċjetà konveuta appellat minn din id-deċiżjoni. Jidher li dak l-appell mar deżert u dan kif innutat f'rikors imressaq mis-soċjeta attriċi (*fol.53)* fejn intalab ir-riappuntament tal-kawża u liema talba ntlagħet permezz ta' digriet tat-8 ta' Novembru 1985. L-Ewwel Qorti infatti saħqet is-segwenti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha:

> "Il-Qorti sejra tibda billi tqis il-ħames eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta, u ċioè, li dan ir-rapport bħala opinjoni teknika ex parte ma jistax jiġi ammess bħala prova f'dawn il-proċeduri. Jirriżulta li dwar din l-eċċezzjoni, din il-Qorti diversament presjeduta diġa ppronunzjat ruħha fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Ottubru 1983, fis-sens illi dan ir-rapport huwa ammissibli bħala 'prova tal-fatti esposti fil-kontenut tiegħu' u għaldaqstant, din l-eċċezzjoni tas-soċjeta konvenuta ġiet miċħuda. Minkejja li s-soċjeta konvenuta appellat minn din is-sentenza jirriżulta mill-atti tal-kawża, speċifikament mir-rikors tas-soċjeta attriċi a fol. 53 tal-proċess, li dan l-appell ġie deżert u għaldaqstant, is-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta dakinhar hija finali."

10. Illi s-soċjetà konvenuta ressqet eċċezzjonijiet ulterjuri (*fol. 159)*:

"Illi mingħajr pregudizzju ghall-eccezzjoni l-ohra ga sollevati, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1481 tal-Kodici Civili Kap. 23 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioè l-Artikolu tal-Kodici Civili vigenti fil-mument li kienet giet intavolata l-kawza odjerna.

Illi sussidjarjament u dejjem minghajr pregudizzju ghal dak ga eccepit, l-azzjoni attrici hija wahda preskritta ai termini tal-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta tal-1984.

Illi fi kwalunkwe kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghal dak digà Eccepit, l-azzjoni attrici hija wahda preskritta ai termini tal-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) odjern."

11. Illi ġew inkarigati diversi periti legali u finalment irrelata Dr. Vincent Galea permezz ta' rapport preżentat nhar il-5 ta' Frar 2013 (*fol.*172 *et. seq.*). Ma saret l-ebda eskussjoni tal-perit legali. Jidher li l-proċess intilef u rikostruwit salv għal xi dokumenti (*fol.*365).

12. L-Ewwel Qorti ddeċidiet is-segwenti:

"1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni tas-soċjetà konvenuta;

2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha fil-mertu tas-soċjetà konvenuta;

3. Tilqa' l-ewwel talba attriċi;

4. Tilqa' t-tieni talba attriċi billi tiddikjara li s-soċjetà konvenuta għandha tagħmel tajjeb għall-ħsarat li nstabu fil-qiegħ tal-barge skont ma obbligat ruħha li tagħmel fl-iskrittura tas-6 ta' Diċembru 1979, limitatament għal dawk il-ħsarat li ġew provati u li ma kienux relatati mal-ħsara indikata fir-rapport tal-inġinier Aquilina tal-1976 u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' elfejn, erbgħa mija u ħamsa u erbgħin Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€2445.84). Bl-imgħax mid-data tas-sentenza."

13. Is-soċjetà attriċi <u>intavolat dan l-appell</u> fit-3 ta' Frar 2017. Ġiet intavolata risposta għan-nom tas-soċjetà konvenuta fis-27 ta' Frar 2017

flimkien ma' appell inċidentali. Is-soċjetà attriċi wieġbet għall-appell inċidentali fit-22 ta' Awwissu 2017.

14. L-appell tas-soċjetà attriċi huwa msejjes fuq aggravju wieħed relatat mal-ammont ta' kumpens likwidat *stante* li l-istess soċjetà tippretendi li dan kellu jkun ogħla.

15. L-appell inċidentali tas-soċjetà konvenuta huwa msejjes fuq aggravju wieħed relatat mal-fatt li l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet ulterjuri relatati mal-preskrizzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

16. Illi tenut kont in-natura tal-appell inċidentali, din il-Qorti ser tibda biex tindirizza dak l-appell hekk kif imressaq mis-soċjetà konvenuta *stante* li f'każ li jintlaqa' dan l-appell din il-Qorti ma jkollhiex bżonn tqis l-appell tas-soċjetà attriċi.

**L-Appell Inċidentali**

17. Illi s-soċjetà konvenuta ressqet appell inċidentali permezz ta' liema saħqet illi tħossha aggravata illi l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet ulterjuri mressqin minnha u ċjoè:

> “Illi mingħajr pregudizzju ghall-eccezzjoni l-ohra ga sollevati, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1481 tal-Kodici Civili Kap. 23 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioè l-Artikolu tal-Kodici Civili vigenti fil-mument li kienet giet intavolata l-kawza odjerna.
>
> Illi sussidjarjament u dejjem minghajr pregudizzju ghal dak ga eccepit, l-azzjoni attrici hija wahda preskritta ai termini tal-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta’ Malta tal-1984.
>
> Illi fi kwalunkwe kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghal dak digà Eccepit, l-azzjoni attrici hija wahda preskritta ai termini tal-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta) odjern.”

18. Illi l-Ewwel Qorti ċaħdet dawn l-eċċezzjonijiet fuq is-saħħa tas-segwenti kunsiderazzjonijiet:

> “L-ewwel kwistjoni li trid tiġi risolta hija jekk l-azzjoni kif proposta tistax tirnexxi, u dan in kwantu li fis-sottomissjonijiet tagħha, is-soċjetà konvenuta tagħmel riferenza għall-ġurisprudenza kopjuża tal-Qrati tagħna, fis-sens illi l-uniċi azzjonijiet li huma disponibbli għall-bejjiegħ f’każijiet bħal ma għandha quddiemha l-Qorti llum huma l-azzjonijiet dwar difett moħbija skont l-artikolu 1427 tal-Kodiċi Ċivili, u l-azzjoni abbażi tal-artikolu 1390 tal-istess Kodiċi applikabbli meta l-oggett mhux tal-kwalità pattwita.
>
> Bla dubju, ir-relazzjoni bejn il-partijiet hija waħda kontrattwali naxxenti mill-bejgħ tal-work barge in kwistjoni. Iżda l-Qorti ma taqbilx mas-soċjetà konvenuta meta fin-nota ta’ sottomissjonijiet tagħha tgħid illi d-difetti li s-soċjetà attriċi qiegħda tilmenta minnhom huma difetti moħbija. Bħal perit legali, il-Qorti taqbel illi l-azzjoni attriċi hija bbażata fuq l-iskrittura tas-6 ta’ Diċembru 1979, u għalkemm dan il-każ jitratta dwar bejgħ ta’ mobbli, l-ilmenti tas-soċjetà attriċi ma jikkonċernawx difetti moħbija kif trid il-liġi, iżda speċifikament dawk id-difetti li ma setgħux jiġu verifikati dak il-ħin illi sar il-bejgħ, in kwantu li l-barge in kwistjoni kienet tinsab fil-baħar, u kien għalhekk illi ġie maqbul bejn il-partijiet illi s-soċjetà konvenuta kellha tagħmel tajjeb għall-ħsarat li jirriżultaw fil-qiegħ. Bl-istess mod, is-soċjetà attriċi m’hijiex tilmenta mill-kwalità mwiegħda tad-dgħajsa u għaldaqstant, din l-azzjoni ma setgħet qatt tiġi bbażata fuq artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili. Il-Qorti jirriżultalha li l-azzjoni attriċi hija bbażata fuq l-artikolu 1125 tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi li ‘Kull min jonqos li jesegwixxi obligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat għad-danni.’ In kwantu li s-soċjeta konvenuta espressament obbligat ruħha li tagħmel tajjeb għall-ħsarat li setgħu jirriżultaw f’qiegħ il-barge, liema ħsarat ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala difetti moħbija jew nuqqas fil-kwalità mwiegħda, il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn is-soċjeta attriċi ma setgħetx tressaq l-azzjoni tagħha abbażi tal-ftehim tas-6 ta’ Diċembru 1979.

> Isegwi għalhekk illi l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni eċċepiti mis-soċjeta konvenuta fir-risposta ulterjuri tagħha ma japplikawx għal dan il-każ u qegħdin jiġu respinti."

19. Wara li fliet l-iskrittura privata (*fol.*26) u t-termini miftiehma, u wara li rat ix-xhieda, din il-Qorti taqbel ma' dak li sabet l-Ewwel Qorti u tqis li l-azzjoni tal-lum mhix azzjoni li tinkwadra ruħha f'azzjoni dwar difett moħbi u b'hekk fil-każ odjern ma jgħoddux l-Artikoli 1390 u 1431 tal-Kodiċi Ċivili hekk kif viġenti fi żmien li ġiet intavolata l-azzjoni.

20. Il-partijiet, bl-iskrittura privata tas-6 ta' Diċembru 1979, qablu illi: "*If bottom or other Underwater hull be found damaged or defective, Zammit shall pay the aforesaid expenses."* Il-partijiet qablu wkoll illi "*Zammit shall at their expense bring the vessel to the Drydocks and from the Drydocks to Kalkara*."

21. Fil-fehma tal-Qorti ż-żewġ klawżoli suesposti jippreżumu sitwazzjoni f'liema l-ebda mill-partijiet ma kienu jafu f'liema stat kien jinsab il-bastiment, jew li fl-agħar ipoteżi s-soċjetà konvenuta ppretendiet illi ma kinitx taf, tant li s-soċjetà konvenuta stess, ċjoè l-bejjiegħ, qablet li hi stess kellha tagħmel tajjeb għad-danni u difetti. Skont l-istess skrittura ma ngħatat l-ebda garanzija li l-bastiment ma kellux xi difett. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma jistax b'hekk japplika lanqas l-Artikolu 1390 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

> "1390. Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jircievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti."

22. Il-volonta' tal-partijiet kienet ċara u konsegwentement dak li ppruvat tagħmel is-soċjetà attriċi kien li tenforza dik il-parti tal-ftehim li qablet magħha l-parti l-oħra.

23. Illi s-soċjeta konvenuta setgħet għażlet li ma tidħolx għall-ftehim hekk kif redatt, infatti kif xehed ir-rappreżentant tas-soċjetà attriċi, il-partijiet kienu qassmu bejniethom *draft* ta' skrittura privata li ma kinitx tpoġġi obbligu fuq is-soċjetà konvenuta (*fol. 74)* li tagħmel tajjeb għall-danni u difetti, però dan ma ġiex iffirmat u minflok ġiet iffirmata verżjoni oħra inkluż dawn l-istess obbligi. Hawn issir referenza għall-kawża **Mizzi Home Furnishings Limited (C-22783) v. Italgreen SPA (Socjetà estera registrata l-Italja)**[1] maqtugħa fis-**27 ta' Ottubru, 2017** fejn il-Qorti tal-Appell qalet:

> "Fil-kaz tal-hames aggravju, jinghad mis-socjeta konvenuta appellanti illi r-rimedji mitluba mill-atturi u moghtija mill-Qorti mhumiex applikabbli fil-kaz in ezami. Hija tikkontendi li ladarba l-atturi jallegaw difett mohbi fit-turf sintetiku mibjugh minnha, ir-rimedju disponibbli lill-kuntrattur f'cirkostanzi simili huma l-actio redhibitorja jew aestimatoria. Issostni li xerrej ghandu dawn ir-rimedji li huma esklussivi u ma jistax ifittex rimedji alternattivi bhal pretensjonijiet ta' danni. Tishaq li t-talbiet attrici ma jistghux jintlaqghu ladarba ma jinkwadrawx ruhhom fir-rimedji li jaghti l-legislatur, meta jitolbu kemm danni kif ukoll it-tqeghid mill-gdid tat-turf.
>
> Ghandu jinghad mal-ewwel, li din il-Qorti ma taqbel xejn mat-tezi mressqa mis-socjet konvenuta appellanti, fis-sens li l-unika azzjoni li kienet possibbli ghas-socjetajiet attrici bhala xerrej hija l-azzjoni

[1] App. Ċiv. 1045/07

redhibitoria jew l-azzjoni aestimatorja, taht l-Artikolu 1427 tal-Kodici Civili. L-azzjoni prezenti mhux ibbazata fuq allegat difett mohbi izda fuq inadempiment kuntrattwali. Il-fatt li t-turf provdut mis-socjet konvenuta appellanti kien garantit ghal perijodu ta' ghaxar snin f'dak li ghandu x'jaqsam:

> "Resistance at breaking surface system and a fiber pile from the backing support;
>
> "-Normal weather conditions as: Humidity, ice, rain and warm.
>
> "- Abnormal wearing of the carpet",

ma taghmilx l-oggett tal-kawza bhala milqut minn difett latenti fis-sens li jippreskrivu l-Artikoli 1424 u 1427 tal-Kodici Civili, izda jintalab li tigi onorata l-garanzija moghtija, kif ukoll danni konsegwenzjali ghall-imsemmi nuqqas. Dan in-nuqqas iwassal ghal konsegwenzi ohra, izda mhux li l-oggett tal-kuntratt hu affett minn difetti mohbija. Kif ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti, fis-7 ta' Lulju, 2006, fl-ismijiet Renato Iannace et v. J&T Company Limited:

> "Dawn l-azzjonijiet li jinsabu mnizzla fl-Artikolu 1427 tal-Kodici Civili huma marbuta mal-garanzija li jghati l-bejjiegh ghad-difetti li ma jidhrux u li jaghmlu l-haga mhux tajba ghall-uzu li ghaliha hija mahsuba u li jnaqqsu daqshekk il-valur taghha li x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz anqas, jolqtu direttament l-kuntratt ta' trasferiment fih innifsu billi dan jew jigi rexiss jew emendat bhala rizultat. Izda dan ma jfissirx li din hija l-unika triq li ghandu l-akkwirent meta jirrizulta xi nuqqas da parti ta' minn bieghlu. Infatti l-istess artikolu jghid esplicitament li fil-kazijiet imsemmija fl-Artikoli 1424 u 1426, fil-kaz ta' difetti okkulti, ix-xerrej "jista' jaghzel, billi jigi 'l quddiem bl-azzjoni redibitorja .... inkella, bl-azzjoni stimatorja."

B'dana pero` dawn l-azzjonijiet mhux esklussivi ta' kull dritt iehor spettanti lix-xerrej meta minn bieghlu jkun naqas minn xi obbligu specifikatament kontemplat fil-kuntratt". (sottolinjar mizjud minn din il-Qorti).

Hekk ukoll fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Frar, 2013, fil-kawza fl-ismijiet Gennaro Rosario De Luca v. Perit Arkitett David Psaila et, intqal li:

> "Illi l-azzjoni tal-atturi hija waħda mibnija fuq il-ksur tar-rabtiet kuntrattwali tal-bejjiegħ f'kuntratt ta' bejgħ ta' ħaġa li ma tkunx tal-kwalita' miftehma. M'hijiex azzjoni dwar il-garanziji għal difetti mistura tal-ħaġa mibjugħa. Fi kliem ieħor, l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq in-nuqqas ta' twettiq tal-ftehim bejnhom u MDPL. L-effett tan-nuqqas ta'twettiq ta' obbligazzjoni jnissel il-jedd tal-kreditur ta' dik l-obbligazzjoni li jitlob id-danni mingħand il-parti l-oħra li tkun naqset milli twettaq dik ir-rabta tagħha. Dan jgħodd ukoll fil-kuntratt tal-bejgħ-u-xiri".

Aktar ricentement gie ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fis-sentenza taghha tad-19 ta' Gunju, 2014, fil-kawza fl-ismijiet Jean Vella v. Paul Camilleri et:

> "Illi tajjeb jingħad li huwa stabilit u aċċettat li meta l-ħaġa mibjugħa ma tkunx taqbel mal-ftehim, ma jfissirx tabilfors li din tkun milquta minn xi difett redibitorju. F'każ bħal dak, x'aktarx li jkun li n-nuqqas jissarraf f'inadempiment kuntrattwali li ma jidħol xejn fih l-għoti tal-garanziji li l-liġi torbot lill-bejjiegħ bihom. …".

Huwa accettat illi ladarba s-socjet konvenuta appellanti bhala venditrici tat-turf tat garanzija lis-socjetajiet attrici, li t-turf oggett tal-kuntratt bejn il-partijiet kien kopert b'garanzija ta' ghaxar snin, kif inghad qabel, hija ghandha twiegeb ghall-garanzija moghtija minnha u s-socjetajiet attrici ghandhom id-dritt jitolbu d-danni minghajr ma jitlob rexxissjoni tal-kuntratt, ladarba tali garanzija ma tirrizultax debitament onorata. Meta min ibiegh jonqos minn xi obbligazzjoni minnu specifikament maqbula fuq kuntratt, huwa responsabbli ghad-danni kemm a bazi tal-principju ta'pacta sunt servanda, rifless fl-Artikolu 992 tal-Kodici Civili, kif ukoll a bazi ta' inadempiment kuntrattwali u l-konsegwenzjali danni naxxenti min-nuqqas li tigi esegwita obbligazzjoni li tkun kuntrattata, hekk kif mahsub taht l-Artikolu 1125 tal-Kodici Civili.

Kif inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fis-sentenza taghha tat-3 ta' Ottubru, 2003, fil-kawza fl-ismijiet George Portanier noe v. Charles Bezzina:

> *"Jinhass opportun f'kazijiet ta' din ix-xorta illi jigu ribaditi certi principji regolanti materja ta' kuntratti jew skritturi ta' ftehim:*
>
> > *"I. F'materja kontrattwali l-ftehim hu ligi ghall-partijiet kontraenti*
> >
> > *[Artikolu 992(1), Kodici Civili; "Carmelo Bajada nomine –vs- Fr. Saviour Cachia et nomine", Appell Kummercjali, 16 ta' Lulju 1973);*
> >
> > *II. Hi regola li l-kuntratti jigu ezegwiti bil-bona fidi (Artikolu 993, Kodici Civili; Vol. XXI P I p 283);*
> >
> > *III. Hi wkoll regola ben affermata illi kontra l-miktub mhumiex ammissibbli provi mhux miktuba (Contra testimonium scriptum,testimonium non scriptum non aufertur")".*

Ghalhekk it-talbiet tas-socjetajiet attrici huma essenzjalment abbinati ma' rimedju generali taht il-ligi civili. Kif rilevat minn din il-Qorti fis0sentenza taghha tad-29 ta' Mejju, 2009 fl-ismijiet Baldassare Bugeja et v. George Muscat et:

> "Din l-azzjoni tidher li giet accettata minn din il-Qorti almenu f'zewg sentenzi. Fil-kawza Caruana v. Vella, deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Marzu, 2003, il-venditur instab responsabbli ghad-danni meta biegh fond meta kien jaf jew kellu jkun jaf li l-appartament in kwistjoni ma

kienx kopert bil-permessi relattivi. Fil-kawza Mallia Bonello v. Camilleri, deciza wkoll minn din il-Qorti fl-1 ta' Frar, 2008, din il-Qorti osservat illi:

> "Hija haga evidenti ghal din il-Qorti illi l-azzjoni ta' l-attur hija wahda intiza ghar-rizarciment tad-danni li huwa sejjer isofri minhabba li, kif jallega, il-konvenuti ttrasferewlu fond residenzjali msemmi fic-citazzjoni meta dan ma kienx kopert mid-debiti permessi mill-Awtorita` kompetenti biex jintuza ghal skop residenzjali. Bhala tali jidher li l-azzjoni odjerna ta' l-attur hija bbazata fuq l-Aritkolu 1125 tal-Kodici Civili kif ukoll l-Artikolu 1127 ta' l-istess kodici. Dawn l-Artikoli rispettivament jiddisponu hekk:
>
>> 1125. Kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, huwa obbligat ghad-danni.
>>
>> 1127. Fil-kaz li ma tigix esegwita obbligazzjoni li biha wiehed ikun intrabat li jaghmel xi haga, il-kreditur jista' jigi moghti s-setgha li jiehu hsieb jesegwiha huwa nnifsu bi spejjez tad-debitur"".

Dan kollu kien ribadit minn din il-Qorti aktar recentement fis-sentenza taghha tat-30 ta' Mejju, 2014, fil-kawza fl-ismijiet **Franco Depasquale v. Gaetano Abela**. Din il-Qorti taqbel pjenament ma' dawn l-insenjamenti, u tqis li huma applikabbli ukoll fil-kaz in ezami stante li n-nuqqas tas-socjet konvenuta appellanti rreka pregudizzju lis-socjetajiet attrici, liema pregudizzju huwa kkonfermat ukoll mir-rizultanzi tal-perizja teknika ex parte pprezentata in atti. Huwa ritenut li d-danni li garrbu s-socjetajiet attrici, huma tabilhaqq konsegwenza diretta tan-nuqqas kuntrattwali, da parti tas-socjet konvenuta appellanti, li tonora l-garanzija moghtija minnha."

24. Billi din il-Qorti jidhrilha li għandha ttenni l-fehma tagħha skond is-silta hawn fuq imsemmija, l-appell inċidentali tal-kumpanija intimata appellata ma huwiex mistħoqq u mhux se jintlaqa'.

**L-Appell Prinċipali**

25. Is-soċjetà attriċi ressqet appell permezz ta' liema tisħaq illi ħassitha aggravata illi l-Ewwel Qorti illikwidat biss is-somma ta' elfejn, erba' mija u ħamsa u ebgħin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€2,445.84) bħala danni u li l-Ewwel Qorti kellha tillikwida ammont ogħla.

Is-soċjetà attriċi tippretendi li titħallas l-ammont ta' sittax– il elf, ħamsa u erbgħin ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€16,045.89). Il-Qorti tinnota li dan il-valur ivarja mill-ammont preċedentement mitlub minnha ta' ċirka tmint elef Lira Maltin li, fiż-żmien rilevanti, kienu jġibu tmintax-il elf, sitt mija u ħamsa u tletin ewro u għoxrin ċenteżmi (€18,635.20).

26. Is-soċjetà attriċi bħala appellanti tibbaża l-aggravju tagħha fuq sitt ammonti li jammontaw għall-figura surreferita.

27. **Qabel tgħaddi sabiex tħares lejn l-aggravju,** din il-Qorti tirreferi għas-segwenti kunsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti:

> "Mill-provi prodotti jirriżulta illi s-soċjetà attriċi xtrat il-work barge in kwistjoni mingħand is-soċjetà konvenuta permezz tal-imsemmija skrittura tas-6 ta' Diċembru 1979. F'din l-iskrittura ġie maqbul hekk: 'If bottom or other underwater hull be found damaged or defective, Zammit shall pay the aforesaid expenses.' Jirriżulta li meta nxtrat mis-soċjetà attriċi din il-barge kienet tinsab fil-baħar, u minkejja li ġie miftiehem bejn il-partijiet li meta din il-barge tittella mill-baħar ikun hemm preżenti rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta sabiex issir spezzjoni tal-qiegħ tagħha, l-ebda rappreżentant ma kien preżenti meta effettivament din il-barge ttellgħet mill-baħar, u dan minkejja li l-attur nomine kien ikkomunika mal-konvenut nomine permezz ta' diversi telexes sabiex jintlaħaq ftehim dwar din l-ispezzjoni.
>
> L-attur nomine jgħid illi meta ttellgħet din il-barge mill-baħar, ġie nnutat li kellha diversi ħsarat fil-qiegħ, u għaldaqstant, huwa talab lis-soċjetà konvenuta tagħmel tajjeb għal dawn il-ħsarat in segwitu tal-ftehim milħuq bejn il-partijiet, u ċioè, l-iskrittura tas-6 ta' Diċembru 1979, iżda s-soċjetà attriċi rrifjutat illi tagħmel dan. L-attur nomine nkariga lis-surveyor Reno Spiteri sabiex jidderiġi rapport dwar il-ħsara fil-barge, liema rapport ġie ppreżentat mill-attur nomine maċ-ċitazzjoni tiegħu. Da parti tagħha, is-soċjetà konvenuta ma ressqet l-ebda rapport tekniku, u lanqas ma talbet li jiġi nominat espert mill-Qorti.
>
> …..

Fil-mertu, il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għas-sentenza tagħha diversament presjeduta fl-ismijiet Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino noe vs Angelo Xuereb pro et noe tat-3 ta' Lulju 2003, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Frar 2009 fejn ingħad hekk:

> *"Kif inghad, ir-responsabbilita' ghad-danni tista' tkun wahda minn zewg tipi – (i) dik maghrufa bhala responsabbilita' contrattuale u (ii) dik maghrufa bhala responsabbilita' extra contrattuale jew aquiliana. Dawn iz-zewg tipi ta' responsabbilita' ghad-danni ghandhom numru ta' differenzi bejniethom, fosthom – (i) l-oneru tal-prova; (ii) l-effetti guridici; u (iii) it-terminu entro liema l-azzjoni ghad-danni, nascenti mit-tip ta' responsabblita' specifika, ghandha tigi istitwita.*
>
> *Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilita' contrattuale l-attur ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-istess attur. F'din it-tip ta' azzjoni huwa l-konvenut li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu, stante li l-konvenut ghandu jiggustifika l-inadempjenza kontrattwali tieghu u jipprova li tali inadempjenza se mai rrizultat minhabba fattur fuq liema ma kellux kontroll."*

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħha, is-soċjetà konvenuta teċċepixxi li meta nbiegħet din il-barge lis-soċjetà attriċi ma kellha l-ebda ħsara li skont l-iskrittura tas-6 ta' Diċembru 1979 is-soċjeta konvenuta kellha tagħmel tajjeb għaliha. Kif diġà ngħad, fl-iskrittura msemmija l-partijiet ftehmu hekk: 'If bottom or other underwater hull be found damaged or defective, Zammit shall pay the aforesaid expenses.' Il-Qorti taqbel mal-perit legali li kif jirriżulta mill-provi prodotti, dan l-ftehim sar proprju għaliex meta nxtrat il-barge kienet qiegħda fil-baħar u naturalment ma setax jiġi spezzjonat il-qiegħ tagħha.

Fir-rapport tiegħu, s-surveyor Reno Spiteri, inkarigat mis-soċjetà attriċi, jgħid illi huwa kkonstata s-segwenti ħsarat:

> *1. Bottom plate of no. 4 port compartment found to be holed and generally wasted;*
>
> *2. Port inner bottom longitudinal girderin way of above plating found cracked;*
>
> *3. Port outer, bottom, side longitudinal girder (corner) found to be indented and deformed due to previous grounding or contact;*
>
> *4. Port inner, bottom girder indented and deformed as for item 3;*
>
> *5. Bow, flat side, heavily indented at centre.*

Kif diġà ngħad, is-soċjetà konvenuta naqset milli tressaq prova teknika u lanqas saret talba lil din il-Qorti sabiex jiġi nominat espert

minnha. Għaldaqstant, il-Qorti ma ssib ebda raġuni għalfejn għandha tiskarta l-konklużjonijiet tas-surveyor Reno Spiteri.

Is-surveyor Reno Spiteri fir-rapport tiegħu jikkumenta hekk:

> *"Damage noted on the flat, bottom plate and side girder in way of No. 4 port compartment were old defects which were already noted and reported in general terms on page 3 of report no. 352 dated 21st June, 1976 which was carried out for Mssrs. Seiscom Delta Inc, by a Consultant Surveyor' kif ukoll illi 'Damage noted on side, inner and outer, bottom (corner) longitudinal girders is physical contact damage which is old."*

Ir-rapport tal-21 ta' Ġunju 1976, imħejji mill-inġinier Emmanuel Aquilina, li jsemmi s-surveyor Reno Spiteri fir-rapport tiegħu, ukoll ġie ppreżentat bħala prova f'dawn il-proċeduri. In kontro eżami, Reno Spiteri jgħid illi jaħseb li dan ir-rapport kien għaddielu kopja tiegħu l-attur nomine in kwantu li għalih kien qiegħed jaħdem. Huwa jżid illi *'Il-barge kienet tidher, anke jekk ma tkunx espert, li kien fiha l-ħsara. Biss biss in-number 4 compartment kien floodjat.*'

Fis-sottomissjonijiet tagħha, is-soċjetà attriċi tgħid illi minn imkien ma jirriżulta li dan ir-rapport tal-1976 kien fil-pussess tagħha meta xtrat il-barge fl-aħħar tal-1979 u li fi kwalunkwe każ il-ftehim tal-1979 iffirmat bejn il-partijiet huwa ċar, fis-sens illi s-soċjetà konvenuta kienet obbligata tagħmel tajjeb għal kwalunkwe ħsarat li jirriżultaw fil-qiegħ tal-barge. Iżda l-Qorti ma tqisx illi huwa verosimili li Reno Spiteri akkwista dan ir-rapport mingħand ħaddieħor jew li dan ir-rapport ma kienx fil-pussess tas-soċjetà attriċi fil-mument meta nxtrat il-barge in kwistjoni. B'żieda ma dan, huwa veru li l-ftehim bejn il-partijiet huwa ċar fis-sens illi '*If bottom or other underwater hull be found damaged or defective...*' però l-Qorti hija tal-fehma li hawnhekk kien qiegħed jiġi miftihem illi s-soċjetà konvenuta kellha tagħmel tajjeb għal dawk il-ħsarat illi, minħabba li l-barge kienet fil-baħar, ma setgħux jiġu kkonstatati, u mhux dawk illi s-soċjetà attriċi kienet taf bihom, jew b'naqra attenzjoni jew qari ta' rapport tal-inġinier Aquilina l-attur nomine seta' jsir jaf bihom.

Joseph Zammit għan-nom tas-soċjetà konvenuta jgħid illi l-ispejjeż li kellu jagħmel l-attur nomine kienu neċessarji biss sabiex il-barge in kwistjoni tiġi modifikata u tkun tista' tintuża bħala fuel barge. Minkejja li l-attur nomine ma jiċħadx illi kellu jagħmel xi modifikazzjonijiet f'din il-barge, is-surveyor Reno Spiteri jikkonferma li r-rapport tiegħu kien jikkonċerna biss il-ħsarat u d-difetti li nstabu fuq din il-barge, b'dan illi r-rapport tiegħu ma kienx jirrigwarda l-modifikazzjonijiet li l-attur nomine xtaq illi jsiru fil-barge.

Għaldaqstant, l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta qiegħda tiġi miċħuda b'dan illi l-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni dak li ngħad dwar dawk il-ħsarat li kienu diġa indikati fir-rapport tal-inġinier Aquilina tal-1976. Permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħha s-soċjetà konvenuta

teċċepixxi li l-barge ġiet slipped kif ukoll li l-underwater hull kien eżaminat għall-ewwel darba sena wara l-bejgħ, u li matul dan iż-żmien kollu l-barge kienet mitluqa f'ilmijiet baxxi viċin l-art fejn il-corrosion huwa iżjed qawwi. Is-soċjetà attriċi tkompli billi tgħid li meta l-barge ġiet slipped, instab li 'zinc anodes' (il-corrosion pieces) kienu kollha mikula jew immermra, u dan neċessarjament affettwa avversament il-pjanċi tal-qiegħ (underhull) tal-barge.

Il-Qorti tibda billi tirrileva li ma jirriżultax illi l-underwater hull ġie eżaminat sena wara li sar il-bejgħ in kwantu li mill-provi prodotti u mix-xhieda mhux kontradetti tal-attur nomine jirriżulta li l-barge ġiet spezzjonata fl-aħħar ta' Awissu u bidu ta' Settembru tas-sena 1980. B'żieda ma dan, jirriżulta li l-attur nomine għamel diversi attentati sabiex jintlaħaq ftehim mal-konvenut nomine sabiex rappreżentanti taż-żewġ partijiet ikunu preżenti meta l-barge tittella mill-baħar u tiġi spezzjonata, iżda minkejja dan, rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta għażlu li ma jkunux preżenti għal din l-ispezzjoni.

Fir-rigward tal-bqija ta' din l-eċċezzjoni, il-Qorti tirrileva li ma tressqet ebda prova ta' dak li jgħid il-konvenut nomine. L-attur nomine fl-affidavit tiegħu jgħid illi l-barge kienet tinżamm f'ibħra ta' fond bejn 30 u 35 pied. Ma nġiebet ebda prova sabiex tikkontrasta din ix-xhieda. F'kull każ, il-Qorti taqbel mal-perit legali li fi kwalunkwe każ dak li tallega s-soċjetà konvenuta ma jirriżultax mill-konklużjonijiet tas-surveyor Reno Spiteri, li hija l-unika opinjoni teknika li għandha quddiemha l-Qorti. Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni wkoll qiegħda tiġi miċħuda.

Is-soċjetà konvenuta teċċepixxi wkoll li meta rat il-barge wara li ġiet slipped, hija aċċertat ruħha li l-ilmenti tas-soċjetà attriċi kienu biss fir-rigward ta' 'wear and tear' ordinjaru u li l-barge ma kinitx mibjugħa bħala 'classed vessel' u għalhekk dan l-ilment ma setgħax jiġi nkwadrat fl-obbligazzjoni tas-soċjeta konvenuta li tagħmel tajjeb għal 'damage or defect' fl-underwater hull.

Kif jgħid il-perit legali, jidher li b'din l-eċċezzjoni tagħha s-soċjetà konvenuta qiegħda tirrikonoxxi li l-barge in kwistjoni kellha ċertu ħsarat. Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi kien Joseph Zammit stess, għan-nom tas-soċjetà konvenuta, li fil-kontro eżami tiegħu jgħid illi għandha sseħħ tpaċija bejn l-ammont dovut skont il-ftehim tal-1979 ma ammont allegatament dovut mill-attur nomine. Iżda ma tressqet l-ebda prova li huwa dovut xi ammont mis-soċjetà attriċi lis-soċjeta konvenuta sabiex isseħħ din it-tpaċija, u s-soċjetà konvenuta la eċċepiet formalment li għandha sseħħ tpaċija u lanqas ressqet kontro talba f'dan is-sens.

Il-fatt li l-barge ma kinitx mibjugħa bħala 'classed vessel' m'għandu x'jaqsam xejn mad-difetti li nstabu fil-qiegħ tagħha. Minn imkien ma jirriżulta mir-rapport jew mix-xhieda tas-surveyor Reno Spiteri li dawn il-ħsarat kellhom jissewwew għaliex l-attur ried jagħmel modifikazzjonijiet fil-barge sabiex tkun tista' tintuża bħala fuel barge.

> Huwa jgħid, in kontro eżami, li meta spezzjona l-barge ma tantx setgħet tintuża għax kellha diversi leakages. Huwa jgħid speċifikament illi 'Sakemm ma kienux ser isiru t-tiswijiet jien ma kontx ser niċċertifikaha bħala tajba għall-ġar ta' kull ħaġa l-għaliex tista' tegħreq' u 'Din il-barge żgur ma kinitx tajba biex titbaħħar.' Kien biss fir-rigward tal-irċevuta datata 21 ta' Ottubru 1980 għall-ammont Page 14 of 17 ta' Lm3868.50 li Reno Spiteri jgħid illi dawn ix-xogħlijiet kellhom isiru rrespettivament jekk kienx hemm danni jew le, li dawn ix-xogħlijiet huma 'normal practice' u li kieku hu kien sid il-barge kien jagħmilhom, u għalhekk, il-Qorti sejra tieħu din l-istqarrija in konsiderazzjoni iżda l-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta qiegħda tiġi respinta.
>
> Finalment, is-soċjetà konvenuta teċċepixxi li meta hija saret taf li l-ilment tas-soċjeta attriċi seta' jiġi sodisfatt b'tiswijiet żgħar li jiswew ftit flus, hija offriet li tagħmel dawn it-tiswijiet mingħajr preġudizzju, iżda li s-soċjetà attriċi ma aċċettatx għaliex riedet li l-partijiet konċernati jinbidlu kompletament. Joseph Zammit għan-nom tas-soċjetà konvenuta jenfasiżża li l-ispejjeż li nkorriet is-soċjeta attriċi kienu jirrigwardaw il-modifikazzjonijiet li riedet tagħmel fil-barge, iżda kif diġà ngħad ma jirriżultax li dan huwa minnu. Mill-bqija, ma tressqet l-ebda prova fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni, la fis-sens illi rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta offrew lill-attur nomine li jagħmlu xi xogħlijiet ta' riparazzjoni u lanqas li l-ħsarat setgħu jiġi rranġati b'tiswijiet żgħar u ta' ftit flus. Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni wkoll qiegħda tiġi miċħuda.
>
> Imiss issa li jiġu likwidati d-danni dovuti lis-soċjetà attriċi in vista tan-nuqqas tas-soċjetà konvenuta fl-obligazzjoni kuntrattwali tagħha. Minkejja li l-attur nomine fl-affidavit tiegħu jgħid illi nefaq Lm8645.65, jirriżulta li individwalment huwa qiegħed jitlob li s-soċjetà konvenuta tagħmel tajjeb għall-ħlas ta' Lm170, Lm1884, Lm1290 u Lm3868.50 li komplessivament jammontaw għal LM8,058.50, llum €18,769.62.
> Il-Qorti sejra issa tqis dawn l-ispejjeż imsemmija mill-attur nomine invidwalment."

28. Din il-Qorti nnotat ukoll illi fil-waqt li l-bastiment inxtara sabiex jintuża bħala *fuel barge* kien inbiegħ bħala *work barge (dumb barge).*

29. Il-Qorti rat l-insenjament mogħti mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Joseph Tonna v. Philip Azzopardi deċiza nhar it-12 ta' April 2007, kwotat ukoll fil-kawża **Gordon Mizzi noe v. Carmela Baldacchino noe**

**et**[2]**,** fejn ingħad illi:

> "(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova ta' l-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta il-pretiża ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor). Ara **Kollez. Vol. XLVI P I p 5**;
>
> (2) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, "jista' jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-teżi ta' l-attur hija sostenuta" (**Kollez. Vol. XXXVII P I p 577**);
>
> (3) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi iuxta alligata et probata, u dan jimporta illi d-deċizjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bazi tad-domanda jew ta' l-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ipprovat;
>
> (4) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalita`, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' revizjoni. Ara, b' ezempju, **Kollez. Vol. XXIV P I p 104**."

30. Tenut is-suespost, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-**ewwel parti tal-aggravju relatat** mas-somma ta' elf, mitejn u disgħin Lira Maltin (**LM1,290**). L-Ewwel Qorti kkunsidrat illi:

> "L-ammont ta' Lm1290 jirriżulta mill-irċevuta tas-17 ta' Settembru 1980 maħruġa minn John Bezzina & Sons Limited[3]. Reno Spiteri però jikkonferma fir-rapport tiegħu li dawn il-ħsarat huma indikati fir-rapport tal-inġinier Aquilina tal-1976 u in kwantu li l-Qorti diġa stabbiliet li s-

[2] Ċitazzjoni numru 1189/1983/1 AF – Deċiża 26 ta' Ottubru 2022

[3] *Fol. 141. – W.O. - 76894*

> soċjetà attriċi kienet taf jew ċertament setgħet saret taf bihom fil-mument tal-bejgħ, is-soċjetà konvenuta m'għandhiex tagħmel tajjeb għal dawn l-ispejjeż."

31. Jibda sabiex jiġi osservat illi l-bażi tal-kawża odjerna tinbena fuq klawżola 3 tal-iskrittura privata li taqra: *'If bottom or other underwater hull be found damaged or defective, Zammit shall pay the aforesaid'.* Is-soċjetà attriċi tgħid illi din il-klawżola hija ġenerali u li ma tagħmilx distinzjoni bejn danni kkunsidrati bħala antiki u danni kkunsidrati bħala reċenti. In oltre tgħid illi minn imkien ma jirriżulta li s-soċjetà attriċi kienet jew saret taf bil-ħsarat mniżżla fis-*survey report* tal-21 ta' Ġunju 1976 mħejji minn ċertu Inġ. Emmanuel F. Aquilina qabel ma akkwistat dan il-*Work Barge (*preżentat mill-Inġ*.* Reno Spiteri u mmarkat Dok VG1 fol. mhux enumerat).

32. Jiġi osservat illi din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dak li saħqet l-Ewwel Qorti u anqas mal-fehma tal-Perit Tekniku u ċjoè li peress li l-ħsarat kienu antiki allura l-partijiet kienu jafu bihom qabel ma daħlu fl-iskrittura privata u allura ma għandhomx jiġu kkunsidrati.

33. **Mill-provi** mressqa joħroġ biss illi meta s-soċjetà attriċi ġiet sabiex takkwista l-*Work Barge*, hija rat l-istess bastiment minn dak li kien jidher (*fol.182)*. Ma tressqet ebda prova mis-soċjetà konvenuta illi hija provdiet lis-soċjetà attriċi bis-*survey report* tal-1976. Fil-verità kif dan ir-rapport spiċċa f'idejn l-Inġ. Reno Spiteri mhux ċar, ħlief fejn jgħid li jassumi li dan

kienet tathulu s-soċjetà attriċi. Madankollu dan ma jfissirx li għaliex tathulu l-imsemmija kumpanija kien wasal għand is-soċjetà attriċi qabel il-mument tal-akkwist. Anqas tressqet xi prova mis-soċjetà konvenuta fejn ingħad illi l-valur pattwit kien pattwit wara xi kunsiderazzjoni ta' difetti li kellha l-*Work Barge* u li kienet infurmata bihom is-soċjetà attriċi jew xi prova li s-soċjetà konvenuta infurmat lis-soċjetà attriċi b'tali difetti.

34. Il-Qorti, mix-xhieda mogħtija minn Michael Fenech nhar id-9 ta' Lulju 2009 tifhem ukoll li bejn il-perjodu li ġiet akkwistata l-*Work Barge* u meta iddaħħlet f'tarzna sarulha xogħlijiet waqt li kienet fil-baħar. *Stante* li l-Qorti eskludiet li din l-azzjoni taqa' fil-parametri ta' azzjoni relatata ma' difetti latenti ma tħossx li dan il-fatt għandu jbiddel dak suespost. Konsegwentement din il-Qorti ma tistax konxjament tinjora dan l-ammont għaliex allegatament, mingħajr prova ta' xejn, jista' jkun li r-rapport kien f'idejn is-soċjetà attriċi qabel l-akkwist, liema teżi hi bbażata fuq ix-xhieda tal-Inġ. Reno Spiteri li sempliċiment qal li: *"Niftakar li kont rajt rapport ta' Emmanuel Aquilina u nimmaġina li ġie għandi minghandhom. Għalihom kont qed naħdem."* (xhieda tas-17 ta' Novembru 2021).

35. Din il-Qorti tinnota wkoll illi ma tressqet l-ebda eċċezzjoni f'dan is-sens, u dan meta s-soċjetà konvenuta ressqet ukoll eċċezzjonijiet ulterjuri.

36. Din il-Qorti qieset dak li xehed l-Inġ.Reno Spiteri in kontroeżami fis-17 ta' Novembru 2011 quddiem il-Perit Legali:

> "*Sakemm ma kienux ser isiru t-tiswijiet jien ma kontx ser niċċertifikaha bhala tajba ghall garr ta' <u>kull</u> ħaga l-ghaliex tista tegħreq*."
>
> …
>
> *Il-barge kienet tidher, anke jekk ma tkunx espert, li kien fiha ħsara. Biss biss in-number 4 compartment kien floodjat..*
>
> *Qiegħed nara r-ricevuta tal-Mid Se Ship Repair Yard bid-data 17 ta' Settembru 1908 u nhid li t-tiswijiet li huma ndikati fuq works order (w.o.) 76894 għal ammont ta' LM1290 huma r-rcommended repairs li saru fir-rapport tieghi.*"

37. Fir-rigward tas-somma ta' elf tmien mija u erbgħa u tmenin Lira Maltin (**LM1884**), fejn l-Ewwel Qorti kkunsidrat illi:

> "Fir-rigward tal-ammont ta' Lm1,884, dawn jirriżultaw minn stima li saret mis-soċjetà John Bezzina & Sons Limited fis-17 ta' Settembru 1980[4]. Il-Qorti taqbel mal-perit legali in kwantu li jirriżulta li parti mill-ħsarat li għalihom tirreferi din l-istima huma wkoll ħsarat li kienu indikati fir-rapport tal-inġinier Aquilina tal-1976, dan l-ammont m'huwiex dovut kollu u għaldaqstant, il-Qorti sejra arbitrio boni viri tillikwida l-ammont dovut minn din l-istima għall-Lm1000, llum €2329.37."

Is-soċjetà appellanta tilmenta illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex tillikwida *arbitrio boni viri* s-somma ta' elf lira Maltin (LM1000) meta kellha figura quddiemha li setgħet tistrieħ fuqha.

38. Din il-Qorti tqis li l-kunsiderazzjonijiet preċedenti tagħha, fir-rigward tas-somma ta' LM1,290 jgħoddu wkoll għal din il-parti tal-aggravju.

---

[4] *Fol 143. – E.N.Q. 279.72*

39. Din il-Qorti rat ukoll dik it-taqsima tar-rapport tal-Perit Legali (*fol.*190) li tirriproduċi x-xhieda ta' George Zammit permezz ta' affidavit, liema affidavit però ma jinsabx fil-proċess u li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx. Din il-Qorti ma tħossx li għandha tinjora din it-taqsima tar-rapport, ladarba mhux biss dan l-istess rapport inħalef iżda ma tqajmet l-ebda kwistjoni mill-partijiet fuq il-fehma peritali msemmija f'din it-taqsima speċifika. Jgħid li mill-esperjenza tiegħu ċertu xogħlijiet kienu intiżi sabiex isir *conversion*, madankollu u tenut kont ix-xhieda tal-Inġ. Spiteri u li fil-fatt is-soċjetà konvenuta donnha aċċettat li parti minn dan l-ammont, ta' LM1884 huwa dovut minnhom, *stante* wkoll li ma tressaq l-ebda appell minn dan l-ammont, ma tarax li għandha tiddubita dak li saħaq l-Inġ. Spiteri u ċjoè:

> "*Sakemm ma kienux ser isiru t-tiswijiet jien ma kontx ser niċċertifikaha bhala tajba ghall garr ta'* <u>*kull*</u> *ħaga l-ghaliex tista tegħreq*."

40. Jiġi osservat li din il-Qorti, wara li fliet l-atti, ma sabet l-ebda rċevuta li turi li dawn l-ammonti attwalment tħallsu. Tinnota wkoll illi rappreżentant ta' Bezzina Ship Repair Yard Limited, Anthony Bezzina, xehed li s-soċjetà kienet xtrat is-soċjetà John Bezzina Ship Repair Limited li kienet tiġġestixxi il-Mid Sea Ship Repair Yard iżda li din inxtrat 7 snin wara d-dati fuq l-*enquiries* u *invoices* in kwistjoni. (*fol.*141).

41. Madankollu, din il-Qorti tqis li ma tqajjem l-ebda dubju fuq dan il-

fatt, anqas mis-soċjetà konvenuta, oltre li ġia' ġie likwidat ammont fuq is-saħħa ta' dawn id-dokumenti. Meta wieħed iqis dan kollu, il-Qorti ma għandhiex raguni valida l-għala tiddubita li dawn l-ammonti ġew żborsati mis-soċjetà attriċi bħala appellanti **u tgħid illi s-soċjetà konvenuta għandha b'hekk tħallas l-ammont ta' LM1290 u LM 1884 minflok LM1000 lis-soċjetà attriċi.**

42. Fir-rigward tas-somma ta' tlett elef, tmien mija u tmienja u sittin Lira Maltin u ħamsin ċenteżmu (LM 3868.50) l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

> "Dwar l-ammont ta' Lm3,868.50[5], kif diġa ngħad is-surveyor Reno Spiteri jikkumenta li dawn it-tiswijiet kellhom isiru indipendentment mill-ħsara li huwa kkonstata fil-barge in kwistjoni u għaldaqstant, il-Qorti ssib illi l-attur nomine m'għandu l-ebda dritt għal refużjoni ta' dawn l-ispejjeż. B'żieda ma dan, ma jirriżultax illi s-surveyor Reno Spiteri jagħmel riferenza għal dawn l-ispejjeż fir-rapport tiegħu u dan ikompli jikkonferma li dawn ix-xogħlijiet kellhom isiru indipendentement mill-ħsara li nstabet fil-barge."

43. Fil-waqt li l-Perit Legali saħaq is-segwenti:

> "40. Dwar l-ammont ta' Lm3,868.50, is-surveyor Reno Spiteri jghid, wara li ra 1-invoice relattiva, illi x-xogholijiet indikati fdik l-invoice bilfors kellhom isiru. Huwa jghid li x-xogholijiet indikati fdin il-fattura huma normal practice "... u kieku kontjien is-sid naghmilhom'". Mid-dokument esebit a fol. 140 tal-process jirizulta x'kienu dawn ix-xogholijiet li kellhom isiru. L-esponenti, wara li ra 1-istess huwa tal-fehma li dan l-ammont ta' Lm3, 868.50 ma huwiex dovut mis-socjeta konvenuta. Sewwa qal is-surveyor illi kieku kien hu sid il-barge huwa kien jaghmel dawn l-affarijiet li jirizultaw minn dan id-dokument, izda dan ma jfissix li dawn ix-xogholijiet jaqghu fid-dettami tal-paragrafu numru tlieta (3) tal-ftehim datat 6 ta' Dicembru, 1979. Fix-xhieda tieghu, 1-imsemmi Surveyor zied ighid li ".. mistoqsi jekk ix-xogholijier hemmhekk elenkati kellhomx isiru rrispettivament jekk kienx hemm

---

[5] *Fol.140*

> danni jew le, nghid li iva, dawn kellhom isiru, irrispettivament mid-danni li rriskontrajt".

44. Is-soċjetà attriċi ma qablitx mal-Ewwel Qorti u ċjoè li ma kellux jiġi kkunsidrat dan l-ammont sempliċiment għaliex ix-xogħol kellu jsir indipendentement minn ħsara oħra li kellha l-*Work Barge* u żżid ukoll illi fl-iskrittura ma kien hemm l-ebda riżerva fir-rigward ta' liema xogħol kellu jsir u liema xogħol ma kellux isir.

45. Huwa minnu l-kliem fil-klawżola 3 tal-ftehim huwa wieħed ġenerali, madankollu dan għandu jiġi interpretat fil-kuntest tal-fattispecie kif żvolġew. Din il-Qorti tifhem li l-għan wara l-istess klawżola ma kienx li l-bejjiegħ ikun mistenni li jissostiwixxi kwalunkwe parti tal-bastiment li kellha bżonn xi xogħol. Fir-rigward ta' dan l-ammont fix-xhieda ta' l-Inġ. Reno Spiteri, tat-2 ta' Marzu 2012, hekk kif kontenuta fir-rapport tal-perit legali (*fol.*188), jgħid:

> *Mistoqsi jekk sabiex tintuza din il-barge kienx hemm htiega li jsiru x-xogholijiet kollha msemmija mini fi-rapport tieghi nghid li dan jiddependi ghalxiex kienet ser tintuza l-barge u fejn. Jigifieri jekk ser johrog mill-port mod, jekk ser iddur mal-port mod iehor. Pero' bhala espert f'dan il-qasam nghid li biex ma jkunx hemm perikolu la ghal merkanzija u lamqas ghan-nies, dawn it-tiswijiet kellhom isiru. Biex il-barge tintuza' bhala fuel barge, dawn ix-xogholijiet kellhom bilfors isiru.*
>
> *Qieghed nigi muri ricevuta datata 21 ta' Ottubru, 1980 (invoice nru 08812/VB/800) mahruga minn Salv Bezzina & Sons Ltd u mistoqsi jekk ix-xogholijiet hemmhekk elenkati kellhomx isiru irrespettivament jekk kienx hemm danni jew le, nghid li iva, dawn kellhom isiru, irrespittivament mid- danni li rriskontrajt.*

46. L-inkarigu tal-Inġ. Spiteri kien sabiex jiddetermina danni li kellu l-

bastiment liema danni jaqgħu fid-dettami tal-klawżola 3. Minn qari tax-xhieda tal-Inġ. Spiteri jidher illi x-xogħol in diskussjoni, għalkemm kellu jsir, ġie trattat separatament minn xogħol li kellu jsir minħabba dannu li kien hemm. Mix-xhieda jidher li l-Inġ. Spiteri jagħmel distinzjoni bejn ix-xogħlijiet li saru u dak li kkonstata hu.

47. Tenut kont li l-uniku rapport tekniku huwa dak tal-Inġ Spiteri u li fl-aħħar mill-aħħar l-għan tas-soċjetà attriċi kienet li tuża' l-barkun bħala *Fuel Barge*, imma inbiegħ bħala 'work barge', din il-Qorti taqbel ma' dak ikkonstatat mill-Perit Legali u mill-Ewwel Qorti, fejn saħqu illi l-ispejjeż magħmula mhux neċessarjament kienu jaqgħu f'dak li jistipula l-paragrafu numru tlieta (3) tal-ftehim datat 6 ta' Diċembru, 1979.

48. **Din il-parti tal-aggravju qiegħda b'hekk tiġi miċħuda.**

49. Fir-rigward tas-somma ta' mija u sebgħin Lira Maltin (LM170), l-appellanta tgħid li dawn huma spejjeż inkorsi peress li kellu jitqabbad perit u li ma kienx hemm raġuni l-għala l-ispejjeż ma kellhomx jitħallsu mis-soċjetà konvenuta. L-Ewwel Qorti kkunsidrat:

> "Finalment, jonqos jiġi kkunsidrat l-ammont ta' Lm170 rappreżentanti l-ispejjeż dovuti lis-surveyor Reno Spiteri għar-rapport u spejjeż oħra tiegħu. Filwaqt illi l-Qorti taqbel mal-perit legali li dan ir-rapport sar għall-benefiċċju esklussiv tas-soċjetà attriċi, in kwantu li nstab illi numru mill-ħsarat li kkonstata is-surveyor fil-qadi ta' dmiru kienu ħsarat li għandha tagħmel tajjeb għalihom is-soċjetà konvenuta, il-Qorti ser tillikwida arbitrio boni viri l-ammont ta' Lm50, illum €116.47, mill-ispejjeż tas-surveyor Spiteri li għandha tagħmel tajjeb għalihom is-soċjetà konvenuta."

50. Illi fir-rigward ta' dan l-ammont hija l-fehma ta' din il-Qorti li la l-Ewwel Qorti aċċettat li parti minn dawn l-ispejjeż jitħallsu mis-soċjetà konvenuta, ma kienx hemm raġuni l-għala l-ispejjeż tat-tali rapport ma kellhomx jitħallsu kollha mill-istess soċjetà kovenuta meta l-iskop tar-rapport kien biex jiġu kostatati l-ħsarat. Konsegwentement din il-Qorti ser tilqa' dan l-aggravju u **tgħid illi l-Ewwel Qorti kellha tordna l-ħlas ta' LM170 u mhux LM50**.

51. Fir-rigward ta' żewġ ammonti ta' seba' mija u sitta u għoxrin Lira Maltin (**LM726**) u l-ammont ta' mija u għoxrin Lira Maltin (**LM120**), is-soċjetà attriċi tisħaq illi l-Ewwel Qorti kellha timxi fuq l-aħjar prova u dan tenut kont li l-proċess kellu jiġi rikostruwit wara li kien intilef u d-direttur tas-soċjetà appellanta ma kellux kopji ta' dokumenti oriġinali li kellhom ikunu fil-proċess tal-Qorti. Is-soċjetà attriċi tgħid illi d-direttur tagħha, Michael Fenech, ressaq affidavit fir-rigward ta' dawn iż-żewġ ammonti u li *stante* li dik hi l-unika prova, din għanda tittieħed bħala l-aħjar prova.

52. L-Ewwel Qorti kkunsidrat:

> "Fir-rigward tal-ammont ta' Lm726 u Lm120, jirriżulta li skont l-attur nomine l-invoices relattivi ġew preżentati minnu maċ-ċitazzjoni iżda ma żammx kopja tagħhom u in kwantu li ċ-ċitazzjoni oriġinali hija nieqsa mill-proċess, u ċioè mitlufa, dawn l-invoices ukoll huma mitlufin. Il-Qorti ma tqisx illi din l-ispjegazzjoni hija verosimili. L-ewwel nett, huwa veru li ċ-ċitazzjoni shiha originali ma tinsabx fil-proċess u jidher li hija mitlufa, iżda fid-dikjarazzjoni tal-attur nomine, li tinsab fil-proċess, filwaqt illi ssir riferenza għall-bqija tad-dokumenti li ġew eżebiti maċ-ċitazzjoni, ma ssir l-ebda riferenza għal dawn l-invoices

> allegatament mitlufin. Il-bqija tad-dokumenti li ġew preżentati maċ-ċitazzjoni kollha jinsabu fil-proċess u għaldaqstant, il-Qorti m'hijex taċċetta l-versjoni tal-attur nomine li ntilfu biss dawn l-invoices, li fuq kollox ma saret l-ebda riferenza għalihom fid-dikjarazzjoni tal-attur nomine. Lanqas ma huwa verosimili li l-attur kellu kopja waħda biss ta' dawn l-invoices li skont hu eżebixxa maċ-ċitazzjoni filwaqt li l-invoices jew stimi l-oħra mhux talli eżebixxa kopja tagħhom, talli xehed ukoll dwarhom rappreżentant tas-soċjetà John Bezzina & Sons Limited fejn saru t-tiswijiet. Finalment, il-Qorti tosserva li la l-attur nomine u lanqas is-surveyor Reno Spiteri ma jagħmlu riferenza għal x'jista' jkun li huma dawn l-ispejjeż, u dan meta fir-rapport tiegħu is-surveyor Spiteri jelenka l-ispejjeż kollha li saru jew li kienu meħtieġa. Għaldaqstant, u in kwantu li ma ġiex ippruvat li l-attur nomine inkorra dawn l-ispejjeż, u wisq inqas li dawn l-ispejjeż kienu relatati mal-ħsarat fil-qiegħ tal-barge, ċertament illi l-Qorti ma tistax tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tagħmel tajjeb għalihom."

53. Illi wara li fliet l-atti, din il-Qorti ma tarax illi għandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti fir-rigward ta' din il-parti tal-aggravju **u konsegwentement ser tiċħad din il-parti tal-aggravju.**

54. Is-soċjetà appellanta tilmenta wkoll illi l-imgħax legali għandu jibda jiddekorri, jekk mhux mid-data tal-ittra uffiċjali tat-12 ta' Jannar 1981 mid-data ta' meta tressqet l-azzjoni odjerna. Illi l-ittra in kwistjoni ma jidhirx li tinsab fl-atti, minbarra mill-fatt li s-soċjetà attriċi ma ressqet l-ebda talba għal xi figura konkreta fl-istess ċitazzjoni mressqa minnha, konsegwentement għandu japplika l-prinċipju ***in illiquidis non fit mora***.

**Deċide**

55. Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-

sentenza tal-Ewwel Qorti mogħtija minnha fis-17 ta' Jannar, 2017, fil-kawża fl-ismijiet premessi u fil-waqt li tiċħad l-appell inċidentali tas-soċjetà konvenuta, tilqa' limitatament l-appell tas-soċjetà attriċi u tħassarha fejn ordnat illi s-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' elfejn, erba' mija u ħamsa u erbgħin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€2445.84) u minflok tordna illi s-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' sebat elef, seba' mija u wieħed u disgħin ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€7791.52).

L-ispejjeż tal-appell inċidentali jitħallsu mis-soċjetà konvenuta u dawk tal-appell prinċipali jitħallsu 70% mis-soċjetà konvenuta u 30% mis-soċjetà attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da